Is-Sittax-il sena April-Ġunju 1946. Għadd 182-184.

# Lehen il-Malti

## MAĦRUĠ
## MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

**"MIN MA JAFX ILSIENU U JMAQDRU
HU IBLAĦ GĦAL DARBTEJN".**

X'FIH DAN IL-GĦADD:


| | |
|---|---|
| E. B. Vella | ID-DIREZZJONI. |
| Editorjal | Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). |
| Kif ra Malta kittieb ta' Gwida | JOS. GALEA. |
| *Mera ta' Qlib mill-"Kummiedja Divina" ta' Dante Alighieri* | LOUIS ELLUL |
| *Żminijietna* | Dun FRANS CAMILLERI. |
| *Ejja, Grigal* | ROS. BRIFFA, B.Sc., M.D. |
| *Lis-Sunett* | A. CREMONA. |
| *Tal-Bon Ton...* | AESOP. |
| *Fil-Mewt ta' Bro. Ġorġ F.S.C.* | Kku. T. XIBERRAS |
| *Lill-Bandiera Maltija* | Dun KARM. |
| Kliem u Għidut it-Tfal | G. CASSAR PULLICINO. |
| Il-Bomba Atomika | M. GAMBIN. |
| Reċensjonijiet | D.F.C. |
| | Ġ.D. |
| | G.Z.C. |

## L-ISTUDENTI U L-KONKORS TEATRALI

Billi huma mħabbtin bl-eżamijiet, l-istudenti tal-Fergħa Drammatka, Għaqda tal-Malti (Università), ma setgħux jieħdu sehem fil-Konkors Teatrali, bħalma xtaqu.

Hawn taħt jidhru żewġ ittri li għaddew bejn is-Segretarju tal-Fergħa Drammatka (Università) u s-Segretarju tal-Konkors:

"Union" ta' l-Università Rjali,
220, Triq San Pawl, Valletta.
27 ta' April, 1946.

Lis-Segretarju, Kumitat Organizzatur,
Konkors Teatrali 1946.

Sinjur,

Waslilna l-programm tal-"Konkors Teatrali 1946" li inti għoġbok tibagħtilna.

Ġejt mitlub mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Fergħa Drammatka, Għaqda tal-Malti (Università), biex irroddlok ħajr u fl-istess waqt nixtieq, lilek u lill-Kumitat Organizzatur, kull success fil-ħidma tagħkom biex tgħollu d-Drama Maltija u biex Malta jkollha t-Teatru Nazzjonali tagħha. Dawn huma l-għanijiet tagħna wkoll.

Għoddni dejjem tiegħek,
G. Saliba,
Segretarju, Fergħa Drammatka.

**TWEĠIBA**

65, Tower Road—Sliema.
Id-29 ta' April, 1946.

Lis-Segretarju, Fergħa Drammatka,
Għaqda tal-Malti (Università).

Sinjur,

Il-kelmtejn sbieħ tiegħek wasluli sewwa sew waqt laqgħa tal-Kumitat Organizzatur li talabni nżżikħajr—lilek u lill-Kumitat Eżekuttiv.

Huwa ta' faraġ kbir għalina li naraw l-istudenti universitarji tagħna, il-mexxejja ġejjiena tal-Poplu Malti, jingħaqdu magħna fil-ħsieb tal-Konkors Teatrali li l-għan ewlieni tiegħu huwa t-tagħlim tal-kotra u l-mixi 'l quddiem ta' Lsien Art Twelidna. Dawn huma l-ewwel passi għall-bini ta' Teatru Nazzjonali.

Fil-waqt li nixtiqilkom kull progress fl-istudji tagħkom,

Nitolbok tgħoddni dejjem
Ħukom f'isem Malta,
N. Biancardi,
Segretarju.

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ mill-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

APRIL-ĠUNJU 1946. IS-SITTAX-IL SENA Għadd 182-184.

# E. B. VELLA

*Il-moviment Malti tilef wieħed mill-aqwa ħbieb kittieba tiegħu — E. B. Vella, storjografu u awtur tal-kotba* Ġabra ta' Ward.

*L-aħħar li rajnieh xi jumejn qabel ma miet. Ma' l-aħħar għafsa ta' l-id, donnha l-aħħar tislima tiegħu lilna bħala ħbiebu fisser l-għoqla tiegħu mhux li kien ser imut, imma li ma kienx sa jilħaq jara mitmuma u stampata* L-Istorja ta' l-Imdina ***li kien ilu jaħdem is-snin fiha.*** *Quddiemna ibnu Eustace wiegħdu li kellu jtemmhulu hu dan ix-xogħol u missieru kien donnu thenna.*

*Raġel mill-aħjar, ħabrieki u studjuż, E. B. Vella laħaq mela post fl-istorja tal-kitba Maltija. F'ħarġa oħra nġibu kitba itwal fuqu.*

*Għalissa nfakkru mewtu b'dan is-sunett sabiħ li kitiblu Dun Karm u li kien ferħan bih ħafna u li qatt kien ħolom, kif lanqas ħlomna aħna, li kellu jservi bħala epitaffju tal-mewt tiegħu.*

*L-"Għaqda" tagħti l-għomor lil martu, uliedu u qrabatu.*

Malti tassew! Malti fil-qalb, ħabbejtha
Lil din l-art ċkejkna fejn twelidt tarbija;
Fraħt bil-ġmiel li jlibbisha w qatt ma nsejtha,
Fejn kienet xierqa, l-kelma tal-foħrija.

Malti fil-ħsieb, oh b'liema reqqa flejtha
Id-damma mżewqa tal-ġrajjiet Maltija!
Kemm qassamtha sabiħ, u kemm għanejtha
B'kitbiet mirquma ü bid-dehen mimlija!

U Malti wkoll f'għamilek, qatt ma tegħja
Tgħallem lil għajrek dak li tgħallimt int,
Biex tajfa aħjar fiż-żgħar u l-kbar tithejja.

Agħnet hekk 'il quddiem u s-Sema miegħek:
Għad joktor dak li int bil-għaqal ħżint:
Oħrajn għad jimxu fuq il-passi tiegħek.

# IL-BNIEDEM MAGNA

(*Editorjal tal*-Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. [LOND.])

"Inferior powers—I was going to say infernal powers—plotted an inverse experience for mankind... What would happen... if the moral effort should turn on its tracks at the moment of attaining its goal, and if some diabolical contrivance should cause it to produce the mechanisation of the spirit instead of the spiritualisation of matter?"
HENRI BERGSON: *The Meaning of War*, p. 35.

*IL-FILOSFU Lhudi Henri Bergson, li m'ilux li miet, u li dan l-aħħar bintu saret Kattolika, kiteb dal-kliem fi żmien meta d-dinja ma kenitx għadha taf bil-bomba atomika. Issa li x-Xjenza kixfet din il-għodda ta' qirda kbira naraw kemm tassew hi f'waqtha l-mistoqsija ta' Bergson. Minn mindu l-magni bdew jieħdu l-post tal-bniedem dejjem inħass il-biża' li żmien bi żmien il-magna kienet għad tirkeb il-bniedem sa ma tagħmlu magna bħalha u sa mill-1748 tabib militari Franċiż, Lamettrie, ħareġ ktieb fuq hekk jismu "L'Homme Machine". Minn dak iż-żmien 'il hawn kemm sar aktar jixirqilna dan l-isem ikrah—Il-Bniedem Magna!*

*L-ikbar ħsara li ġratilna f'dawn l-aħħar sekli, saritilna mħabba l-fiduċja għamja li l-kotra l-kbira tan-nies qiegħdu fir-Raġuni waħedha, fir-Raġuni safja maqtugħa minn dik il-Fidi sħiħa li fuqha jinbena s-soprannatural. Mhux għax ir-Raġuni minnha nfisha tagħmel il-ħsara, imma f'idejn in-nies tad-dinja, l-ikbar minnhom mogħmija minn ħafna interessi tal-but u ġibdiet tal-qalb imħassra, ir-Raġuni qajla baqa' jistħoqqilha isimha u sar aktar jixirqilha l-isem ta' bluha u ta' għajb. Imma f'għajnejn in-nies fiergħa li m'għandhomx żmien jaħsbu u jħossu, ir-razzjonaliżmu dandan il-libsa tas-sultan u waqqa' qaddejja taħt riġlejh ir-Reliġjon u xandar bħala ħrafa 'l Alla, l-Infern u l-Ġenna u l-Knisja Nisranija bil-qassisin u l-Ġerarkija kollha. Għalhekk rajna taqa' bla saħħa fl-art u tissaħħam fit-trab iċ-ċiviltà Nisranija, bit-tradizzjonijiet qodma ta' fidi mixgħula u drawwiet sbieħ ta' qima, lil Dik il-Qawwa Qadima li tinsab moħbija lilhinn mis-sensi. Għax ir-razzjonaliżmu wara li tħabat sa ma għaleb il-ġlieda qaddisa ta' l-Insara t-tajba, jassar l-imħuħ tad-dinja b'formula qarrieqa li għal min m'hux imgħallem biżżejjed tinħass donnha l-aqwa u l-aħħar sfida lir-Reliġjon. Ir-razzjonaliżmu għallem li kull ma l-*

*bniedem jaf, jafu biss mis-sensi, li għalhekk jagħmel oġġett ta' xjenza t-tagħrif biss li jinkiseb bis-sensi. Issa billi l-veritajiet tal-fidi ma jistgħux ikunu milħuqa bis-sensi, jiġi waħdu li l-Fidi hija ħaġa sentimentali u anti-xjentifika. Ibda minn Alla. Dan ma jidhirx bis-sensi. Mela Alla jew ma jinstabx (Ateiżmu) jew inkella jista' jinstab imma ma nistgħux inkunu nafuh (Anjostiċiżmu). U meta nwieġbu min-naħa tagħna li l-ħolqien imżewwaq bil-mixja ta' l-istaġuni, xtejjel, oqmra u kwiekeb, sħana u xitiet f'newbithom, bħala effetti ta' kawża, jagħtu xhieda ħajja Tiegħu, ir-razzjonalisti jwieġbu li dak kollu li jaqa' taħt is-sensi hu x-xogħol ta' ħafna setgħat għomja tan-Natura li għal ħafna miljuni ta' snin ilhom jiltaqgħu u jaħbtu bejniethom sakemm minnhom ħarġet b'aċċident il-ħajja kif nafuha l-lum. Il-għaliex il-ħajja, kif igħallmu r-razzjonalisti, wara dawn il-miljuni ta' snin, mhix ħlief fażi avanzata tal-materja magħġuna mill-qawwiet materjali misterjużi li nisslu taħrik kbir fil-materja, bħalma t-tefgħa ta' l-id tnissel taħrik u xeħta fil-ġebla mitfugħa sakemm dan it-taħrik intiseġ man-natura materjali tal-ħolqien, taħrik materjali li jissejjaħ "istint" fil-bhejjem u "intelliġenza" fil-bniedem.*

*Is-seklu dsatax li ra x-xandir ta' l-*Origin of Species *ta' Darwin, xogħol kbir imma mifhum u applikat ħażin, żied isaħħaħ iċ-ċaħdiet tar-razzjonaliżmu billi deher li waqqa', kif ħasbu dawn, il-ġrajja li tingħad fil-*Genesi, *dwar il-ħolqien tal-bniedem mit-trab ta' l-art. U t-tijorija ta' Darwin baqgħet tissaħħaħ bil-kixfa ta' għadam u skeletri ta' ħlejjaq li kienu jgħixu eluf ta' snin ilu u li juru bini ta 'iġsma bejn dak tal-bniedem u dak ta' l-antropojdi. Il-Bibbja kienet attakkata bl-egħruq u x-xniexel l-aktar mill-istudjużi Ġermaniżi, li ħattewha kelma kelma sa ma ħadulha ruħha u ġibuha fix-xejn. Imbagħad x'għajb waqa' fuq il-Bibbja rajnieh dan l-aħħar fi żmien in-Nażisti meta, taħt it-tmexxija ta' Rosenberg, dan il-Ktieb, blata tal-Knisja, safa' bħal kull ktieb ieħor tal-ħrejjef ktieb tal-*Folk-lore, *drawwiet u superstizzjonijiet Lhudin, ktieb razzista Semitiku. Mal-Bibbja Nisranija waqgħet il-filosofija Tomista bit-tagħlim tagħha kollu dwar it-tajjeb u l-ħażin, jiġifieri, waqqgħet l-etika jew il-morali Nisranija. U f'lokha daħal it-tagħlim materjalista, utilitarju ta' Bentham u Spencer u skond dawn, il-moralità m'għandhiex ħajja minnha nfisha, imma għandha ħajja biss sakemm hi marbuta ma' dan jew dak il-bniedem. Jiġifieri, m'hemm xejn tajjeb jew ħażin minnu nnifsu imma hu tajjeb jew ħażin dak biss li wieħed i*ħoss *li huwa hekk għalih. Kull ħaġa li ma tiswiex għalih hi ħażina u kull ħaġa li tiswa għalih*

*hija tajba. U sakemm ma tħabbatx lis-Soċjetà, ma hemm l-ebdaliġi morali li tista' tikkundannak. U xinhi ħlief wirja tal-ħażen ta' dan it-tagħlim; il-gwerra kerha li għadna kemm ħriġna minnha, gwerra li, skond dan it-tagħlim, kienet tajba għall-Ġermaniżi mill-għajnejn ta' Hitler, u ħażina għall-egħdewwa tagħhom mill-għajnejn ta' l-Allijati?*

*Issa ġara li dawk l-istess nies li xerrdu dil-filosofija qarrieqa, wara li tiegħmu l-imrar tal-frotta tat-tagħlim tagħhom, qegħdin jintebħu kemm kienet tassew ħażina s-siġra li ħawlu. Fi kliem ieħor, qegħdin jintebħu li t-tajjeb u l-ħażin jeżistu fihom infushom u mhux biss sakemm jaqblu jew ma jaqblux lil dak li jkun. Jeżistu fihom infushom, maqtugħin mill-bniedem; jeżistu f'Alla u ma jistgħux jeżistu mingħajru kif Hu ma jistax jeżisti ħlief fih innifsu.*

*Id-dinja ġiet fil-kliem ta' l-Imgħallem. Wara li għaddiet 'il quddiem ħafna fil-għerf u rfinat l-istudji tagħha, u xerrdet il-filosofija materjalista, dawk li daqu 'l-frotta morra qegħdin jitgħallmu li s-siġra tingħaraf mill-frott tagħha. Qegħdin jintebħu li r-razzjonaliżmu hu s-siġra l-ħażina ta' l-infern li tagħmel frott velenuż. Għalhekk dil-gwerra issa qanqlet urajha fost ħafna nies li jaħsbu, nies ta' rieda tajba, ix-xewqa li fl-Ewropa jerġgħu jitqajmu l-valuri morali tar-Reliġjon Nisranija, il-valuri li nebbħu d-*Divina Commedia *ta' Dante u s-*Summa *ta' San Tumas. M'aħniex innaqqsu mill-kobor tar-Raġuni, imma l-moħħ tal-bniedem waħdu, bħal tifel żgħir li ma jafx it-triq, ma jasalx id-dar tiegħu li hija d-dar tal-verità kollha, jekk ma jkollux min jurih it-triq. Ir-raġuni waħidha tista' tixxebbah lill-fanal kbir li l-lampa tiegħu mixgħula ma ddurx dawra mejt biex turi n-naħat kollha ta' l-inħawi lill-ġifen li jkun qiegħed ifittex il-kenn mill-għarqa. U jiġri għalhekk li għax dal-ġifen bid-dawl tal-fanal jara naħa waħda biss, jaqbad rotta ħażina, jidħol fuq skoll u jinkalja jew jegħreq. Tassew li hi dawl ir-Raġuni u iblah ħafna min lir-Raġuni jagħmlilha gwerra għax bid-dawl tagħha biss aħna ningħażlu mill-bhejjem l-oħra. Kif għedna l-ħażin mhux qiegħed fir-raġuni nfisha imma fil-fehma mgħawġa ta' dawk li jidhrilhom li d-dawl tar-raġuni waħedha jista' juri l-inħawi kollha. L-istorja turi li mar-raġuni jeħtieġ taħdem il-qalb — il-qalb ukoll għandha x-xogħol tagħha. Kif kiteb Pascal* "La coeur a ses raisons que la raison ne connâit point : on le sait en mille chose... Nous connaissons la vérité, non seulement par la raison, mais encore par le coeur; c'est de cette dernière sorte que nous connaissons les premiers prin-

cipes..." (Pensées). *Dan il-ħsieb ifissru wkoll il-versi ta' Tennyson:*

"A warmth within the breast would melt
The freezing reason's colder path,
And like a man in wrath, the heart
Stood up and answered — I have felt!"

*Ir-razzjonalisti jiċħdu l-eżistenza tar-ruħ jew billi jgħidu li ma teżistix jew inkella li teżisti biss bħala forma iktar għolja u perfezzjonata ta' l-istint li naraw fil-bhejjem. Ukoll kieku kellna nħallu barra l-argumenti sħaħ tal-filosofija Tomista, ingħid għalija dejjem kienet biżżejjed l-intwizzjoni tiegħi nnifsi bħala bniedem li għandi setgħa ġewwa fija li naħseb u nitkellem, nifraħ u niddejjaq biha. Waqt li kull wieħed minna jħoss ruħu mibni minn ħafna bċejjeċ kull wieħed minna jħoss ukoll li l-ħsieb fil-moħħ ma jsir minn l-ebda waħda minn dawn il-ħwejjeġ. Inħossu li hemm setgħa ġewwinija f'kull wieħed minna li m'għandhiex x'taqsam imma li tinqeda bil-ġisem biex hi titħaddem mingħajr b'daqshekk ma ssir biċċa waħda mill-ġisem. Biex nagħtu eżempju, meta n-nifs igħaddi minn ġo strument mużikali tal-fomm, minn dan l-istrument joħroġ ħafna daqq, noti mifruda jew mużika. Imma dan in-nifs jonkella dan id-daqq ma jingħaddx biċċa minn dan l-istrument mużikali. L-istrument mużikali jaqdi lin-nifs biss u jibdlu f'mużika. Hekk ukoll il-ġisem jaqdi lir-ruħ biex din tista' taħseb u tħoss. U hekk kif in-nifs minfuħ ġo strument mużikali tajjeb idoqq mużika tajba u meta hu minfuħ ġo strument ħażin joħroġ mużika ħażina, ir-ruħ ukoll taħdem tajjeb jew ħażin skond il-ġisem, li hu strument tagħha, ikunx tajjeb jew ħażin, qawwi jew marid, mingħajr imma ma l-istrument wil-mużika, jew il-ġisem wir-ruħ ma jsiru ħaġa waħda.*

*Għax ir-ruħ hi n-nifs t'Alla u l-ġisem hu l-għamara tiegħu, dawk li bħal Bergson jemmnu fl-ispirtu divin tal-bniedem jaraw f'din iċ-ċaħda u tinżigħ ta' l-ispiritwalità li qiegħda ddallam id-dinja s-saltna tal-ħażen. B'tinżigħ ta' l-ispiritwalità rridu nfissru l-għajb li d-dinja għamlet lilha nfisha billi neħħiet minn fuqha l-libsa li tixirqilha, il-libsa tar-ruħ Nisranija, u bħal mara ħażina li tagħti ruħha f'idejn l-irġiel, waqqgħet in-nies fid-dnub bil-għera ta' ġisimha. Għarwiena, mingħajr satar, maħruqa minn waħda mill-eħrex gwerer, id-dinja titħabat biex kieku tgħatti l-faqar u l-għera tagħha bir-razzjonaliżmu xjentifiku. Imma r-razzjonaliżmu l-lum ħareġ fallut u ħtija tal-filosofija razzjonalista li ċaħdet il-valuri spiritwali issa d-dinja tinsab maħruqa mill-mibegħda ta'*

*bejn l-aħwa. Il-kruha ta' Nuremberg, il-waħx tal-bomba atomika u ħwejjeġ oħra ħżiena jixhdu r-responsabbiltà tal-ġnus kollha għall-ħsara li sabet ruħha fiha d-dinja. Għax mhux il-Ġermanja Nażista biss imma d-dinja kollha ċaħdet ir-ruħ u immekkanizzat l-ispirtu tal-bniedem sakemm dan sar magna u, bħal ġisem illuppjat mill-morfina, ma baqax iħoss iżjed. Il-materjaliżmu mgħolli għall-ġieh ta' dottrina politika nazzjonali fir-Russja, għamel ħsara kbira fil-letteraturi tad-dinja. F'Malta sa issa l-letteratura tagħna għadha safja minn dawn il-ħtijiet. Għadna ngħixu għal rasna u qajla għandna rbat ma' kurrenti letterarji ta' l-ispirtu mħawwad ta' kittieba barranin bħalma huma l-kittieba Ingliżi, Amerikani, Franċiżi u Taljani ta' żmenijietna. Rajna kif il-letteratura barranija tal-lum, biex taqta' r-rbat ma' l-imgħoddi tal-kultura Nisranija, ħarbet il-forom, ir-ritmu, il-mużika, l-ispirazzjonijiet ta' żminijiet oħra, żmenijiet li nebbħu l-kobor tal-letteratura u arti Nisranija, li tawna poeti kbar bħal Dante, Milton, Francis Thompson, Franġisk d'Assisi u Juan de la Cruz. Jewwilla Freud ma għallimniex li hi ħrafa l-moralità u ħrafa l-biża' ta' l-Infern u r-reliġjonijiet? U xinhi skond Freud u xjenzati oħra materjalisti l-intwizzjoni ta' veritajiet soprannaturali u tal-ġmiel ħlief taqriq talmoħħ imħawwad, imfixkel minn fdalijiet prejistoriċi? U għax nixfu l-egħjun tal-fidi l-kbira, ġiet fix-xejn l-ispirazzjoni u l-poeta rajnieh dan l-aħħar snin bħad-daqqaq mingħajr l-istrument, jew sieket jew inkella jhewden, nervuż jew eċċentriku, imxabba' minn ħajja kerha u bla ħajr li hu jaħbat ipinġiha kif inhi jew kif jidhirlu li hi f'versi nervużi u koroh bħalha. Fi kliem ieħor, dik hi l-poeżija li ħafna m'għadhomx jaħmlu għax imħawda. Imħawda l-poeżija bħalma mħawwad il-moħħ u bħalma mħawda d-dinja.*

*Imma dawk li bħal Bergson jemmnu fl-ispirtu divin talbniedem għad baqagħlhom it-tama li d-dinja xi darba ttajjar ilmadmad tal-jasar tagħha, twaqqa' l-bibien li għalquha f'ħabs iswed, toħroġ għall-beraħ u mill-ġdid tithenna bil-kħula u d-difa tas-smewwiet. Imma dan isir biss meta l-bniedem jifhem, bħalma fehem Pascal, u Dun Karm fil-poeżija* L-Jien u Lilhinn Minnu. *li l-qalb u l-moħħ, Xjenza u Fidi, iridu jaħdmu t-tnejn flimkien għax ma jistgħux igħaddu mingħajr xulxin. Dak in-nhar biss irraġuni ma tibqax tixbah lill-fanal li jixħet id-dawl tiegħu naħa waħda. Dak in-nhar biss, meta flimkien mal-qalb li temmen, ir-Raġuni tkun bħal fanal li jdawwal l-inħawi kollha fid-dlamijiet tal-lejl biex juri l-art lill-iġfna mitlufa fil-baħar imqalleb.*

# *KIF RA MALTA KITTIEB TA' GWIDA*

*Ta'* Jos. Galea

GHANDI quddiemi daqsxejn ta' ktieb li xtrajt dan l-aħħar minn fuq il-Monti bi ftit soldi. li billi hu daqsxejn qadim, sew fit-tagħrif, kemm fid-data tiegħu, bih nistgħu naraw x'kienet il-ħajja, u kif kienet Malta. dwar mitt sena ilu.

Il-ktieb jismu *Hand-Book for Egypt* miktub minn Sir Gardner Wilkinson F.R.S., stampat Londra fl-1847.

Minn dak li jidher fuq il-qoxra tal-ktieb, l-awtur kien taħ lil wieħed Malti. ċertu Antonio Saliba, li dak iż-żmien kien joqgħod numru 24, Rue Rivoli, Pariġi. Kif wasal Malta ma nistgħux ingħidu. biss kif qalli Ġużè, il-bejjiegħ tal-kotba qodma, il-lot li fih, ma' oħrajn, kien hemm dal-ktieb, kien xtrahom mill-Isla ftit żmien qabel tellagħhom fuq it-tilar tiegħu.

Fid-daħla tal-ktieb l-awtur jagħti tagħrif mhux ħażin fuq Malta. U billi meta qrajtu għoġobni, tħajjart naqleb 'l hawn u 'l hinn minnu għal ħafna qarrejja ta' *Leħen il-Malti.*

Ibda biex qabel ma jsemmi lil dawn il-Gżejjer, lill-qarrej, li jkun ser jagħmel vjaġġ jew li jkun qiegħed ġa fuq il-bastiment fuq il-vjaġġ tiegħu, iwissih bir-regolamenti tal-Kwarantina li kulħadd jeħtieġ jagħmel fil-Lazzarett. Malta, qabel ma jkun jista' jirfes l-art jew jikkomunika ma' oħrajn.

Bosta kittieba magħrufa kienu jgemgmu dwar il-ħruxija u t-telf ta' żmien tal-Lazzarett. Fost l-oħrajn niftakru f'Byron, il-Kardinal Newman, Sir Walter Scott. Mhux għaliex ma kellniex għax nibżgħu. għax kif naqraw u nisimgħu, dawk iż-żminijiet l-artijiet ta' dwar Malta kienu mċappsa jew bil-Pesta jew bil-Kolera. u għaldaqshekk il-Gvern kien żamm iebes għal dik li hi kwarantina f'Lazzarett.

Fiż-żmien li qed insemmu s-Sur Bonavia kien Suprintendent tal-Kwarantina u tal-Pulizija tax-xatt.

Meta Wilkinson għadda minn Malta, u kien jiġbor il-materjal għall-*Gwida* tiegħu, kienu fetħu bħal *Trattoria* (ħanut taxxorb) ġo Lazzarett stess. għall-kumdità ta' dawk li kien jeħtiġilhom igħaddu erbgħin jum hemm ġew. L-*Innkeeper* ta' Lazzarett

kien Ġakki Enriquez, u minnghand dan wieħed kien jista' jiekol li jrid. Il-*Breakfast* kien jiswa xelin u sold biss, u tieħu fih tè jew kaffè, bil-ħalib jew lè; żewġ bajdiet; butir u ħobż. Barra dan kellu wkoll *Breakfast* ieħor ta' skud, b'żieda ta' biċċa laħam moqlija, jew ħuta mixwija. L-ikla kienet tliet xelini, u kont tieħu soppa tal- ħut jew tal-laħam; *entrèe* waħda; laħam moqli; platt ħaxix; frott; u ħobż. Dik ta' fil-għaxija, imbagħad, kienet tiġik ma' l-erbgħa xelini u erbgħa soldi, u jkollok soppa bħal ta' nofs innhar, *entrèe* waħda, laħam moqli, platt ħaxix, platt ħelu, frott, insalata, ġobon u ħobż.

Wieħed kien jista' jikri l-għamara jew il-bżonnijiet tiegħu minn għand l-aħwa Garcin : kont tħallas tlietkarnijiet kull jum ta' sodda tal-ħadid bil-purtiera tan-nemus; tliet soldi ta' mitraħ u żewġ imħaded; żewġ lożor sold biss; investi sitt ħabbiet; tapit żgħir għal ħdejn is-sodda sitt ħabbiet; twaletta bil-friskatur u banju żgħir sold; u ta' mejda żgħira u mera tħallas sitt ħabbiet kull jum. Min jikri kollox iħallas tmien soldi biss.

Il-ħsarat kienu għall-kerrej dejjem.

Meta wieħed wara erbgħin jum jieħu l-*prattica*, jiġifieri l-ħelsien tiegħu mill-kwarantina, biex iġorr il-bagalji tiegħu kien iħallas dwar xelin u nofs lill-purtiera talli minn Marsamxett kienu jeħduhomlu l-Lukanda l-Belt.

L-aħjar lukandi l-Belt Valletta kienu ta' Morell fi Strada Forni, ta' Dumsford fi Strada Reale, dik ta' Madame Goubeau fi Strada Reale wkoll, Victoria fi Strada San Giovanni, sew sew quddiem San Ġwann. Kien hemm oħra ħdejn l-Auberge d'Aragon jisimha Vicary, u ftit żmien wara tbiddlet fi *Princess Royal Hotel; Hotel de la Mediterranee* fi Strada Reale wkoll, u *Hotel d'Orient* fi Strada Santa Luċija.

Wilkinson x'aktarx jirrikkmanda dik ta' Morell, għalkemm kollha kienu jitħallsu xorta.

Kont tista' tikri kaless b'żiemel jew tnejn għal ġimgħa jew xahar sħiħ, u tħallas għaxar soldi kull jum.

Dwar x'wieħed jista' jara hawn Malta, il-*Gwida* ta' Wilkinson hi mżewqa tajjeb ukoll. Kif jidher, dam mhux ħażin hawn biex laħaq ġabar dak it-tagħrif kollu għall-ktieb li kien qiegħed iħejji.

Li ġejjin jixirqilhom li wieħed idurhom sewwa, igħid l-awtur : il-Palazz tal-Gran Mastri, il-Bibljoteka, il-Knisja ta' San Ġwann, is-Swar tal-Belt, il-veduti li jidhru miż-żewġ Barrakki, u

l-Palazzi jew l-Auberges tal-Kavalieri, l-aqwa fost l-oħrajn il-Kastilja.

L-aktar li laqtitu lil Wilkinson kienet il-korazza sħiħa li kienet tal-Gran Mastru Wignacourt, u li kien libes biex pinġieh il-pittur Caravaggio.

Il-Bibljoteka kien fiha x'tara wkoll. Kienet imwaqqfa mill-**Balì Tencin fis-sena 1790,** meta ta dwar 9,700 volum għall-pubbliku. Kien hemm ukoll ħafna teżori tal-Kavalieri li kienu taw żmien ħajjithom jew li kienu ħallew għall-pubbliku, u wkoll il-kollezzjoni ta' l-antikitajiet li kienu jinsabu kull fejn iħaffru sew Malta kemm Għawdex.

Isemmi l-lapidi. it-tapezzerija, u teżori oħra f'San Ġwann. Ifaħħar il-pittura kollha li hemm f'dan it-tempju, iżda jidhrilna li l-Caravaggio kien il-favorit tiegħu sew. Wilkinson jirrakkonta ġrajja dwar dan il-pittur, li għalkemm qallibna kemm-il manoskritt, qatt ma rnexxielna nsibu l-iċken tagħrif dwar is-sewwa tal-ġrajja. Wieħed mill-Kavalieri kellu x'igħid mal-pittur Caravaggio, u waslu biex dan ta' l-aħħar stieden għad-dwell lill-Kavalier. Iżda dan ma setax iseħħ għaliex kavalier ma setax jitħallat ma' wieħed mhux nobbli jew kavalier bħalu. Għaldaqstant Caravaggio għamel ħiltu kollha biex jiltaqa' miegħu għad-dwell u b'hekk jivvendika l-ġieh tiegħu mkasbar. Ġie Malta u beda jaħdem sengħatu. Aktar tard irnexxielu jaħdem kwadru, il-qtigħ ir-ras ta' San Ġwann, dak li hemm fil-kappella fl-istess tempju. u ta' dan ix-xogħol il-Gran Mastru għażlu kavalier. U b'hekk seta' jiltaqa' mal-għadu tiegħu.

Isemmi wkoll il-Qrendi, il-Maqluba, San Pawl il-Baħar, l-Imdina u l-Katakombi, il-Ġonna tal-Buskett, il-Villa ta' Sant'Anton. il-Grotta ta' Calypso, u l-Akwedott li bena Wignacourt.

Imbagħad jiddeskrivi tajjeb it-Tempji ta' Haġar Qim, li ftit żmien qabel, kienu mnaddfa bl-amar tal-Gvernatur Bouverie. U wara ta deskrizzjoni żgħira fuq il-Ġgantija ta' Għawdex.

Semma wkoll li fil-Belt Valletta kien hemm Teatru — il-Manoel — u li fih kienu jagħtu opri taljani fl-istaġun tax-xitwa.

U b'dan it-tagħrif Wilkinson, barra milli żewwaq il-ktieb li hu twebbel joħroġ għall-ġid ta' min ikun ser jivvjaġġa, għamel ġieh lil Malta bla qies.

J'Alla kull kittieb jaħseb u jikteb dak li kiteb dwarna Wilkinson mal-mitt sena ilu.

# MERA TA' QLIB MILL-"KUMMIEDJA DIVINA" TA' DANTE ALIGHIERI

## L-EWWEL KANT TA' L-INFERN

F'nofs il-medda ta' dina l-ħajja tagħna,
Insibni miexi f'masġar mingħajr dawl,
Għaliex, nistqarr, kont tlift it-triq it-tajba.
Ah! biex ngħid liema kien hi ħaġa tqila
Dal-masġar barri, aħrax u xebbiex;
Xħin naħseb fuqu, jerġa' l-biża' bija.
Twegħirt daqshekk, għal ftit ma ntliftx għal kollox!
'Ma, biex nitħaddet fuq il-ġid li rajt,
Ser ngħanni l-ħwejjeġ l-oħra li ltqajt magħhom.

Ma niftakarx kif dħalt ġo dan l-imkien,
Daqskemm kont qiegħed nongħos dak il-waqt
Li fih ħallejt warajja triq is-sewwa;
'Ma, mbagħad, xħin kont wasalt fil-bidu t'għolja,
Hemmhekk fejn kien jintilef dak il-wied
Li weġġa' 'l qalbi b'taqtigħ kbar ta' biża',
Ħarist 'il fuq u lmaħt li mal-quċċata
Ġa jidhru kienu mrieżaq il-pjanet
Li tmexxi 'l-bniedem f'triqtu bla tbatija.
Hassejtu, għalhekk, jedha ftit il-biża',
Li kien inġema' fil-għammieq ta' qalbi
Ma' tul il-lejl fost dieqa li ma bħalha.
U bħal dak li jkun feraq qatgħa baħar
B'nifsu maqtugħ, kif isib ruħu l-art.
Idur imbellah lejn l-ilmiet qerrieda;
Hekk għamilt jiena: ħsiebi biss fil-ħelsa,
Nitfa' lil ħarsti lura u nqis mistagħġeb
L-atar li l-ebda ħaj għadu qatt ħalla.
Imbagħad, kif serraħt ġismi ftit mill-għeja,
Imxejt biex naqbad dik it-telgħa baħħ,
B'sieqi fis-sod l-aktar safliena dejjem.

U trakha, kif kont għadni kemm bdejt għaqba,
Pantera żgħira 'ma ħafifa bosta.
U b'kisja ġild imnaqqax ħelu ħelu!
Hi ma riditx minn quddiem wiċċi titlaq,
Anzi baqgħet daqshekk timla' l-mogħdija
Li kont ser nerġa' kemm-il darba lura.

Kien għadu qiegħed jaħkem iż-żernieq
U kienet tiela' x-xemx flimkien mal-kwiekeb
Li kienu magħha meta Ruħ l-imħabba
Mexxiet għall-ewwel dak il-ġmiel ta' ħwejjeġ;
Hekk li, biex nitma l-ġid, kelli jwennsuni
Mill-waħx tad-dbiba, bil-ġild tagħha mżewwaq
Il-ħin ta' dik is-siegħa u ż-żmien sbejjaħ;
Ma mhux hekk li ma kelli nkun imkexkex
Bix-xbieha ta' dorbies li dehret f'daqqa.
Dan qtajtu li kien ġej iħebb għalija,
B'rasu mgħollija u b'ġuħ hekk klubi fuqu
Li saħansitra l-ajru deher imbeżża'.
U warajh lupa li għall-qżież ta' nixfa
Li kellha fuqha, ħsibtha mġewħa b'kollox
U 'l mhux ftit nies, stħajjilt, nikktet ħajjithom.
Dina nisslitli daqshekk dieqa fija,
Bil-biża' li ġibitli d-dehra tagħha,
Li qtajt it-tama li nissokta t-telgħa.
Bħal dak li waqt ir-rebħ tagħtih lublieba,
'Ma, tasal fuqu s-siegħa tat-telfien,
Isewwed qalbu u jitbekka l-qagħda;
Hekk ħasbet tħawwad ħsiebi l-lupa mqarba,
Li l-mixja tagħha fuqi qajla qajla
Reġgħet ressqitni 'l hemm, fejn xemx ma twassal.

Xħin kont qiegħed nitwaddab dejjem 'l isfel,
Quddiem għajnejja xiref, bla kont nobsor,
Min, għaliex żamm is-skiet, ħsibtu maħnuq.
U kif ilmaħtu f'dak l-imkien bla ħajja,
"Ikollok ħniena minni", qbiżt nitolbu,
"Inti min inti, bniedem jo d-dell tiegħu".
Iżd' hu weġibni: "Bniedem m'iniex, bniedem
Kont darba u n-nisel tiegħi kien Lombardu,
Għax art missieri u ommi kienet Mantwa.

Twelidt *sub Julio*, għalkemm f'waqt imwaħħar,
U għixt ġo Ruma taħt Awgustu t-twajjeb.
Fi żmien l-allat qarrieqa kemm giddieba.
Jien kont poeta w kont għannejt fuq l-iben
Sewwa t'Ankiżi, li kien ġie minn Trojja
Wara li safa' rmied Ilju l-imkabbar.
'Ma, għidli, għaliex rieġa' qalb dad-dwejjaq?
Għax ma titlax il-ġebel li jhennik,
Li jaf id-dħul u l-bidu tal-ferħ kollu?"

"Mel'inti dak Virġilju u dik il-għajn
Li toħroġ minnha xmara t'għerf daqshiex?"
Jien dlonk weġibtu bil-misthija f'wiċċi.
"O għelm ta' ġieħ u dawl għal kull poeta.
Jiswieli ż-żmien li ħlejt u l-ħeġġa kbira
Li kelli biex ingħarrex fil-ktieb tiegħek.
Inti l-imgħallem, int l-awtur li ngħożż;
U inti biss hu dak li minnu ħadt
L-istil sabiħ li qed jagħmilli ġieħ.
Ara l-bhima, li mħabba fiha dort,
Ħarisni minnha, għaref kbir imsemmi,
Għax qed inħoss jitriegħed ġismi kollu".

"Meħtieġ għalik li taqbad xi triq oħra",
Weġibni, mbagħad, xħin rani qiegħed nibki,
"Jekk trid li toħroġ ħieles minn dal-masġar;
Għaliex id-dbiba, li werżaqt għaliha,
Ma tħalli 'l ħadd igħaddi minn triqitha
U tieqaf hekk li toqtol dak li jkun.
Hi, min-natura, għandha qalb hekk ħajna
Li l-kilba fuqha ma tixxabba' qatt
U, wara l-ikel, tħossha iżjed miġwieħa.
Bosta huma l-bhejjem li tħobb tgħammar magħhom
U m'aktar għad trid tgħammar sakemm jasal
Il-Kelb li jġiegħlha tnin bl-uġigħ ta' qalb.
Dan la jkun jixba' bl-art lanqas bl-istann,
'Ma jtiegħem biss imħabba, għerf u qawwa,

U t-twelid tiegħu jsir fuq friex tal-feltru. (1)
Hu jkun ħelsien għal dik l-Italja msejkna,
Li rat għaliha l-mewt Kamilla, xebba,
W Ewrjalu u Turnu u Nizu, lkoll midruba.
U jkeċċi 'l din il-lupa minn kull belt
Sakemm reġa' jkun bagħatha ġo l-infern,
Minn fejn telqitha l-ewwel darba l-għira.
Għalhekk, għall-aħjar tiegħek, nifhem ngħidlek
Li tiġi wrajja w żommni b'mexxej tiegħek.
Sakemm ngħaddik minn ġo l-imkien dejjiemi,
Fejn tisma' dlonk l-għajjat ta' qtiegħ il-jies,
Li toħroġ ta' kull waqt l-erwieħ batuta,
Mikluba b'xewqa kbira għat-tieni mewt;
U tara wara wkoll lil dawk li, hienja,
Qegħdin fin-nar għax jittamaw li jidħlu,
Meta jmiss lilhom, qalb in-nies qaddisa.
Jekk trid, imbagħad, li titla' żżur lil dawn,
Ruħ oħra ssib aktar mistħoqqa minni,
Li nlaqqgħek magħha kif inkun ħallejtek.
Għax dak l-imperatur, li hemm fuq jamar,
Billi kont ħadtha kontra tusijietu,
Ma jridx li jiena nidħol ġewwa beltu.
Hu jaħkem kullimkien, m'hemmhekk is-saltna.
Hemmhekk il-belt u l-ogħla maqgħad tiegħu.
Ah! hienja r-ruħ li jagħżel għal hemm fuq!"

U lilu jien: "Poeta, nerġa' nraħħam,
F'isem dak Alla, li ma kontx għaraft,
Biex inkun ħrabt dal-ħażen u l-agħar.
Għaddini minn fejn għadek kif semmejt
Hekk illi nara l-bieb tal-qaddis Pietru
U lil dawk li, qed tgħidli, huma hekk kiebja."
Imbagħad hu mexa u jien żammejt warajh.

LOUIS ELLUL.

---

(1) **Dan il-vers fit-Taljan huwa ftit imdallam. Hawn kommentaturi li jġibuh, "E sua nazion sarà tra *feltro* e *feltro*", u aħrajn li jiktbuh, "E sua nazion sarà tra *Feltro* e *Feltro*". Billi lili togħġobni l-ewwel interpretazzjoni, ħsibt li naqleb il-vers kif jidher hawn fuq. Għal min togħġbu tat-tieni, il-vers jista' jinqaleb: "U t-twelid tiegħu jsir *bejn Feltru u Feltru*."**

# IL-11 TA' MEJJU

*Tar*-Rev. Filippu Grech, B.A., B.D.

XENI mill-isbaħ ta' drawwiet Maltin turina l-festa tal-Qaddis tar-raħal. Il-festa tibda minn erbat ijiem qabel: ma' l-ewwel tat-Tridu, jibdew jitwaħħlu mat-toroq kull xorta ta' tiżjin: arkati tal-ħadid, pilastri u kolonni, ward tal-karti minn kull lewn, liedna, pavaljuni, bandieri, bozoz taż-żejt, xema' u *luce elettrica.* Tibda tara mal-faċċata tal-knisja jiddendlu s-slielem tal-ħabel biex jitqiegħdu l-bozoz u tibda tisma' mat-toroq, in-naħa tal-pjazza, it-tismir ta' min jarma l-imwejjed, u l-għajjat ta' min ibiegħ pastizzi, ġelati, ruġġati u qubbajt.

Imbagħad bil-għajnuna t'Alla tasal lejlet il-festa. Il-ħdax ta' Mejju: x'jum tal-għaġeb dan għaż-Żebbuġin!... Sa nofs in-nhar ma tistax tersaq lejn forn; għax ġewwa: ġenn sħiħ, barra: rieħa li xxoqqlok qalbek. Wara nofs in-nhar, fis-siegħa "tagħti l-musketterija". U din hi l-iktar biċċa li lili tolqotni u togħġobni mill-festa kollha. Għax "il-musketterija" toħnoq il-pjazza, iz-zuntier, il-bjut u l-galleriji ta' ma' dwarha bin-nies tar-raħal biss—mhux dik l-għagħa ta' barranin li jiġu filgħaxija għall-logħob tan-nar jew biex jisimgħu l-programmi tal-"King's Own" jew "La Valette" —u 'l dawn in-nies tar-raħal tiġborhom mhux bil-libsa... ta' San Filep, kollha deheb, polki u ċrieket u kull barbazzal ta' erbat ixbar, iżda bla ġlekk u biss bil-libsa ta' nhar ta' Ħadd, u aktarx xuxa; għax kif iddoqq is-siegħa, jew ma' l-ewwel sparatura, ukoll jekk f'nofs l-ikla erħilhom jaħarbu "għall-musketterija"; jistaqsu kemm-il elf bomba fiha, kemm fiha "tal-berqa", u bl-imħatra fuq "kemm-il darba taqta'." Dritt wara l-musketterija, fost id-daqq tal-qniepen bil-kbir, il-banda "ta' l-Istilla" (tar-raħal) titlaq minn fuq iz-zuntier bl-innu ta' San Filep, u tibqa' sejra, għal xi tliet sigħat iddur mar-raħal bil-marċijiet.

Ma' l-erbgħa jew il-ħamsa mbagħad, jibdew il-marċijiet tal-baned barranin. Jibdew jitwaħħlu l-irdieden; il-knisja maħnuqa bin-nies biex jisimgħu l-għasar bil-mużka. Fil-pjazza l-għajjat fl-aqwa tiegħu.

— Għaddu ġewwa, sinjuri!... Għandna fuq u isfel, sinjuri!...

— Jaħarqu, sħan!...

— Fiha s-silġ!... Hawn min hu bil-għatx?!...

— Bil-lewż, bil-lewż!... Ħames soldi r-ratal il-qubbajt!...

— Bis-*sei* tagħżel!... Bis-*sei* tagħżel!...

Din l-aħħar għajta aktarx tkun taħt ilsien; u jekk fil-qrib ikun hemm xi pulizija, din il-għajta ma tinstema' xejn. F'xi rokna tal-pjazza ssib tilar, fuq daqsxejn ta' karrettun, armat b'kull xorta ta' ċikkulati, ħelu, orgnijiet tal-ħalq, kartieri u pakketti tas-sigaretti, u ċekċik ieħor bħal dan. Ma' dwar it-tilar xi erbat itfal ħafjin u xi erba' żgħażagħ raħlin, bil-qorq u s-sidrija tal-festa, tarahom miġburin, iħallsu wieħed wara l-ieħor, min sold, min sitta (skond il-ħaġa li jkunu jixtiequ jirbħu), u fuq roqgħa vojta tat-tilar idawru ċ-"ċippitotu" bil-ftehim ma' sid it-tilar li jekk jiġihom is-*sei*, jeħdu dik il-ħaġa li jkunu "dawru għaliha". (Drabi oħra, iċ-"ċippitotu" jkun fih erbat uċuħ biss, immarkati: T—*tutto*; M—*mezzo*; P—*poco*; u N—*niente*: u hawn jirbaħ biss min jiġih it-T imsejjaħ *tuttu*).

Sid it-tilar ma għandux xogħol ħafif. B'seba' għajnejn irid igħasses minn naħa biex ma jisirqulu xejn, u mill-oħra biex jara jersaqx lejh xi pulizija; għax dan il-logħob (forsi għax aktarx li ċ-"ċippitotu" jkun falz, hekk li s-*sei* jew it-*tuttu* ma jiġi qatt), hu projbit mill-liġi. Jekk mela xi pulizija jaħbat jersaq 'l hinn dlonk il-għajta tinbidel u ssir:

— Orgni xelin, orgni xelin!... Ara min ipejjep hawn!...

U sadattant wasal il-lejl. Eluf ta' bozoz ta' kull lewn idawlu t-toroq, il-pjazez, il-galleriji tad-djar u l-faċċata tal-Knisja. Il-marċijiet jinbidlu f'baned mgħollijin fuq il-palkijiet 'l hawn u 'l hinn fil-pjazza jew ma' dwarha. Imbagħad fl-aħħar titla' l-"King's Own" bil-marċ u quddiemha għexieren ta' gassijiet kbar b'dawl li jgħammex, sfafar tan-nar li jtarrxu, u dħaħen li jifgaw lil kulħadd. Din hi s-siegħa tal-"briju": irġiel fis-sakra, nisa mwerwrin, għajjat ta' "Viva x-Xwejjaħ tagħna!" "Viva l-muntanja tal-fidda!" u tfigħ ta' brieret fl-ajru.

Il-baned jibqgħu jdoqqu, sakemm issa—il-lejl daħal sewwa—fost l-eluf u eluf ta' nies li jimlew il-pjazza daqs bajda, tibda sserrep il-kelma ta' għajja: "Il-ħdax u nofs!... x'ħin sa jagħti l-"ġig-ġifogu'?"...

F'daqqa waħda jintefa d-dawl tal-faċċata tal-knisja. Il-baned waqfu; fost il-folla tqum għagħa:

— Sa jaħraq!... Sa jagħti!...

Fid-dalma li waqgħet, daqsxejn ta' gass aħdar irqiq jidher jiċċaqlaq fuq irjus il-folla, marbut f'tarf ta' qasba, u riesaq lejn l-

ewwel raddiena. Imiss in-niċċa, il-porvli jieħu, u r-raddiena taqbad tfexfex u tfaqqa' u ddur b'ilwien ta' nar mill-isbaħ, kollox maħdum b'sengħa tal-għaġeb. Skiet perfett. Fid-dawl tar-raddiena, issa aħdar, issa aħmar. issa isfar, ikħal, abjad, eluf ta' għajnejn ileqqu jidhru mwaħħlin fuq ħaġa waħda, eluf ta' xofftejn siekta jibqgħu mbexxqa, sakemm għat-tifqigħ tal-bombi xi tarbija tibki, jew għat-tiżwieq tal-lwien. xi "Oh!" twila, twila taħrab minn fomm in-nies imgħaġġba. Imbagħad ċapċip u għajat ta' tifħir għal min ħadem in-nar jiksru f'daqqa s-skiet, malli tispiċċa r-raddiena :

— Viva ż-Żebbuġi!... ma hawnx għalih Lippu!...

U hekk jagħtu r-rdieden kollha, waħda isbaħ mill-oħra, dik donnha serp jitkagħweġ, l-oħra b'tużżana rdieden żgħar iduru kontra xulxin. u dik qisha kewkba kbira. Wara dawn imiss lil dak li jsejħulu : "il-ġiġġifogu" jew "il-faċċata". Dan hu disinn, aktarx kbir ,tal-qasab, marbut ma' pilastri għoljin, b'għadd ta' gassijiet li jbiddlu l-lewn, u li flimkien jiġu qishom faċċata ta' knisja, **bil-kampnari u** bis-salib bejniethom. Dawn il-gassijiet huma maħdumin b'mod li jistgħu "jitfu" għal xi ftit minuti, hekk li l-ewwel aktarx tixgħel il-"faċċata" kollha, imbagħad tbiddel il-lewn, imbagħad "titfi" l-biċċa tan-nofs (bħal bieb kbir ta' knisja, bil-frontispizju u s-salib fuq nett). u jibqgħu biss il-kampnari, sakemm dawn jitfu u tixgħel tan-nofs. Fl-aħħar jerġa' jixgħel kollox, u jispiċċa b'musketterija, billi fit-tarf ta' kull gass ikun hemm bomba.

Iżda dan mhux kollox. Wara l-ġiġġifogu jibqa' dik li ż-Żebbuġin isejħulha "l-miġnuna". Din hi raddiena żgħira li titla' ddur iddur fl-ajru, fejn fl-aħħar tfaqqa' xi bomba jew tnejn li ttella' magħha. Meta tirnexxi, in-nies iċċapċap; meta ma titlax, imħabba xi ħsara fix-xogħol. in-nies tgerger, u xi ħadd isaffar; iżda meta fuq l-arblu tagħha tkun imqiegħda ta' taħt fuq, u flok ma titla' fl-ajru tinżel tiġri qalb in-nies. kulħadd jista' jaħseb l-għagħa u twerżiq li jqum!

U hekk, bil-"miġnuna" u bid-"daqqa tar-re", tagħlaq lejlet il-festa. li għalija hi isbaħ minn jum il-festa stess. mhux biss għax is-Sibt tat-tama, bħalma għaraf G. Leopardi, hu dejjem isbaħ mill-Hadd tar-rejaltà, iżda wkoll għal dik l-*atmosfera*, kollha kemm hi Maltija. li tfewweġ mar-raħal, timla' kull dar, u tferraħ kull qalb f'lejlet il-festa.

## LILL-BANDIERA MALTIJA

*Hekk, bajda u ħamra biss, irridek jiena,*
*Bandiera ħelwa ta' din l-art ħanina,*
*Għax kull meta s-sibbien ħabtu għalina*
*Hekk, bajda u ħamra biss, rawk il-ħajjiena.*

*Bajda u safja bħas-sema fil-Libiena.*
*Meta f'Novembru sajf ieħor jiġina;*
*Ħamra bħad-demm fuq wiċċ ta' xebba rżina*
*Minn dawk li int rabbejt* ***għax-xogħ'l qalbiena.***

*Hekk, bajda u ħamra biss; kull lewn barrani,*
*Li jitħallat ma' lwienek, ikun blù,*
*Jew ikun aħdar, iħassarlek ismek.*

*Mhux ismek biss jitħassar, iżda ġismek,*
*Is-sabiħ ġismek ma jibqax li hu:*
*Imbagħ'd... ma jiswa xejn tibki l-warrani.*

Dun Karm.

---

## FIL-MEWT TA' BRO. ĠORĠ F.S.C.

*Habib, ma nafx jekk switilhiex ir-rebħa*
*Lill-mewt illi ħafnitek minn dil-ħajja,*
*Ma nafx jekk inti stajtx issir bħal debħa,*
*Li meta tmut, tintemm bla ħjiel ta' ġrajja.*

*Le, int mhux hekk; għax int ħawwilt ix-xitla*
*Ta' ismek ġewwa l-qlub ta' tfal tarija;*
*Ħawwiltha sabiex tikber, sakemm titla'*
*F'siġra mill-kbar ta' mħabba qatt mitfija.*

*In-noti ħelwa li fissirt minn qalbek*
*Fl-Innu tax-Xirka b'qima 'l de la Salle,*
*Sikwit tismagħhom imseħbin ma' talbek*
*Telgħin lej' s-sema minn ġol-qlub tat-tfal.*

*Irbaħt lill-mewt fix-xmara tan-Nessejja,*
*Ismek miktub fil-qalb ta' tfal għannejja.*

13-4.45. Kku. Toninu Xiberras,
(Mexxej ix-Xirka tal-Malti għat-Tfal, Naxxar)

---

* Brother Ġorġ ħadem ħafna għax-"Xirka tal-Malti għat-Tfal" u ħajjar bosta tfal għall-ġmiel tal-mużika. Immużika l-Innu tax-Xirka u qiegħed il-kliem ta' xi talb bil-Malti għall-mużika ta' nies kbar, bħalma hi l-*Ave Marija* ta' Schubert.

## ŻMINIJIETNA....

Wara li qrajt "Is-Saltna ta' l-Ispirtu"
Editorjal tal- Professur Ġ. Aquilina,
f'*Leħen il-Malti.*

*Id-dinja l-lum maħruba*
*tiġġerra bla taf fejn,*
*b'idejha t-tnejn marbuta,*
*bil-għamad iswed dlam fuq il-għajnejn.*

*U n-nies, donnhom ġo gaġġa*
*magħluqa fil-ħadid,*
*jieklu 'l xulxin, u moħhom*
*fil-frugħa biss, fil-ġisem u fil-ġid.*

*Għax ruħhom hi maħnuqa*
*u mjassra sew mid-dnub;*
*l-imħabba tilfet ġiehha;*
*f'bejtiet ta' ħmieġ u qerq inbidlu l-qlub.*

*U bl-għamad fuq għajnejhom*
*jgħidu li huma għorrief*
*għax għandhom dehen tal-għaġeb,*
*għax issa aktar minn qabel saru ħfief.*

*Boloh li aħna! nsejna*
*kemm aħwa hawn mejtin*
*li aħna qtilna l-bieraħ,*
*u kemm oħrajn bil-ġuħ u mifnijin?*

*Dan huwa l-għerf ta' żmienna?...*
*Dan huwa żmien il-ġenn!*
*Kulħadd iħott u jibni,*
*għall-qirda ta' xulxin mhawnx iżjed kenn!*

*Għaliex, jekk għandna l-ħeffa,*
*ma nibnulhomx id-djar*
*lin-nies bla art u saqaf,*
*għaliex ma nitimgħux lill-bosta fqar?*

*Għax rasna ttaqqlet 'l isfel.*
*Alla m'għadux meqjum.*
*Insejna x'kien qalilna:*
*"Agħtina l-ħobż, Missierna, ta' kuljum!"*

1-III-1946. DUN FRANS CAMILLERI.

# EJJA, GRIGAL!

Liż-żgħażagħ Maltin.

*Ejja, Grigal qalbieni,*
*Grigal dejjem ferħan,*
*Bla tehda l-ġirja tiegħek*
*Int li ma tafx serħan;*

*Riekeb iż-żwiemel hojod*
*Qabbieża bħal dwieb sħan*
*Imkebbsa minn ħuġġieġa*
*Ta' demm żagħżugħ felħan.*

*Ejja b'għajjat ir-rebħa,*
*Inti li l-Alpi bist*
*U bejn għoljiet sidirhom*
*Nifsejk wesgħin deffist.*

*Ejja kif għadek hieni.*
*Elf darba hawnhekk irfist*
*Elf darba ġibt il-ħajja*
*Xħin hawn qawwi tniffist.*

*Int ftit tħobb toqgħod magħna,*
*Sew sew xi tlitt ijiem,*
*Għax xħin dewmietek magħna*
*Donnha se tkun ta' diem;*

*U l-ħajja mejta tagħna*
*Donnha se ssib it-tmiem*
*U tidfen lill-imgħoddi*
*U tħaddan lill-quddiem.*

*Erħilek titlaq tiġri*
*Lejn l-Afrika ta' Fuq*
*Bil-għaġla ta' summiena*
*Li n-namra qed issuq.*

*Għaliex ma tibqax magħna*
*U l-ħajja tagħna ttuq*
*Tqajjimna ftit min-nagħsa*
*U tkisser il-għeluq?*

7-9-45. Ros. Briffa.

The Royal University of Malta

## LIS-SUNETT

*Bik għoġbu Dante jgħanni malli feġġet*
*fuq moħħu minn tal-Musa l-ewwel dija,*
*u, meta Mħabba f'qalb Petrarca ħeġġet,*
*le qatt għanja ma nstemgħet hekk qawwija.*

*Għanja ċkejkna fil-qies, ma fil-ħsieb kbira,*
*lilek Shakespeare ma stmerrx, tal-weraq Tiegħek*
*ħalla Milton fl-Ingliż l-isbaħ tifkira.*
*Bik kull qabbiel l-għadwiet il-ħżiena miegħek.*

*Int, ja Sunett, fil-għana Malti tagħna*
*domt leħnek ma sammajt: bil-għanja tqila*
*tiegħek fostna kien l-ewwel li semmagħna*

*leħnek l-Imgħallem u mbagħad fuq it-tifsila*
*tiegħu, bħala Missier ta' kitba ġdida,*
*l-Ulied għannewk tal-qalb fl-isbaħ taqbida.*

A. Cremona.

---

## TAL-BON TON . . . .

*Arha għaddejja, qisha Klijopatra,*
*Mneħirha fl-ajru, ma tħares lej' ħadd;*
*Qisha Helen ta' Troja li għal ġmielha,*
*Milli jidher, m'hi ser tintesa qatt.*

*Għandha raġun — mhux għaliex hi sabiħa —*
*Daqsxejn xita twaqqgħalha wiċċha l-art!*
*Mhux għax intelliġenti—erbgħa u erbgħa*
*Aktarx jekk tgħoddhom iġġibhom bil-fard!*

*Tiżfen ħażin; bl-Ingliż iċċaflas bl-ikrah;*
*Inqas taf taqli bajda bla taħraqha.*
*Lir-raġel, li għal flusha ïżżewwiġha,*
*Inqas ħallietlu ħila biex jitlaqha:*

*Iżda kburija, wir-raġuni hi:*
*Tliet ġimgħat ilu issemmiet mill-"Bee".*

Aesop

# *KLIEM U GĦIDUT IT-TFAL*

(*Studju Folkloristiku ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(*Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 179-181*)

*BUWA.* De Soldanis ifisser *buwa* bħala l-verb *xorob*. Igħid li ssibha kullimkien u jagħti dil-biċċa meħuda minn Plawtu : "*Ecquid tibi videor mammam adire, Cato, quod cibum ac potionem 'buas' et 'pappas' vocant, et patrem 'tatam' et matrem 'mammam',*" (p. 69). Vassalli (p. 58) igħid illi l-kelma hija *voce dei fanciulli colla quale indicano di voler bere.*

*BUŻŻU.* Skond Vassalli (p. 61) *bużżu* hija *voce bassa* u tfisser "ibleh". Lil wieħed xiħ għadhom igħidulu *nannu bużżu*. Meta tqum b'għajnejk nofshom magħluqa igħidulek *għajnejk bużża*. Flok *bużżu* tisma' wkoll *qużżu* (q.v.).

*ĊOHH.* Kiser. Bonelli biss jagħti dil-kelma fl-istudju tiegħu *Il dialetto maltese* fl-*Archivio Glottologico Italiano* (Supplementi. 1907, Torino, p. 45). Jagħti dan il-kliem *għamel ċoħħ.*

*DEJDA.* Gidja jew ħaruf. Vassalli jagħti dil-kelma u jgħid hekk fuqha : "*Nomen seu epithetum quod datur cappellae et pecori et quo capra et pecora saepe vocantur.*"

*TA' DENBU.* Xitan. Lit-tfal ibeżżgħuhom billi jgħidulhom li ġej għalihom "ta' denbu", i.e. ix-xitan, u dan aktarx għax fl-istampi ta' l-inkwatri, ngħidu aħna f'dawk tal-mewt it-tajba u l-mewt il-ħażina, ix-xitan jidher bid-denb.

*DIDDA* (*diddi*). Bonelli jfissirha bħala *mammella*. Meta l-ommijiet ikunu sa jreddgħu lil uliedhom igħidulhom : "Ħu d-diddi" jew, skond Caruana, "boqqa żejża". Tisma' wkoll *żiżżi* flok *diddi*.

*DIDDU.* Uġigħ. De Soldanis ifisser il-kelma bħala "*dolore, ferita.*"

*DINDI.* Sabiħ.

*DUDU.* Kull ħaġa ċkejkna li tiċċaqlaq tissejjaħ *dudu* mit-tfal.

*ĠINĠA.* Larinġa.

*ĠUĠU.* Gobon. Għadni niftakar li meta konna tfal konna niltaqgħu ħafna tfal u wieħed minna kien iqum u jgħid dawn il-kelmiet aktarx biċ-ċajt :

"Prietka minn tal-lejla,
La ġuġu u anqas nejna" (q.v.).

*GADAJDU.* L-istess bħall-Babaw. Tismagħhom igħidu "Ġej il-Gadajdu għalik!"

*GANGI.* Din il-kelma għadha niltaqgħu magħha bħala laqam ta' nies f'xi raħal, imma aktarx m'għadniex ingħiduha fis-sens li qal Bonelli (Supp. *Arch. Glot. It.* 1907, p. 46) fejn fissirha hekk: "*Crepa! dicesi tra ragazzi battendo il pugno della mano destra sulla mano sinistra in senso di dispetto; dallo Spagnuolo 'ganga'.*"

*GAWGAW.* Skond A. Cremona. (*Race, Language and Myth,* fir-rivista *Melita,* Sett. 1921, p. 403) din hija t-taħsira tal-*bawbaw.* Imma l-Gawgaw għandu x'jaqsam mal-Milied biss, għax joħroġ f'nofs il-lejl—bħal Father Christmas u Santa Claus— u jekk isib mustaċċih miblula jgħid "Ix-xitwa għaddiet", u jekk isibhom nexfin igħid "Ix-xitwa għadha ġejja." Li l-Gawgaw għandu x'jaqsam mal-ħajja taż-żgħar jixhdu l-fatt li dari, kif igħid Patri Magri (*X'Igħid il-Malti,* p. 77), kienu jagħtu dan l-isem lil min jitwieled f'nofs il-lejl tal-Milied. Vassalli (*Lexicon,* 1795, p. 310) isemmi li fi żmienu kien għad fadal min jemmen li nies jitbiddlu f'fantażma: "*dicono perciò i ragazzi e le donnicciuole, che tutti coloro i quali nascono nella notte del 25 dicembre al punto medesimo in cui nacque il Messia, finchè vivano, in ogn'anno a quel punto stesso, essendo addormentati, si trasformano e diventano come larva e spettri notturni, e tra gemiti e smanie vanno a percorrere precipitosamente chi le strade pubbliche recandovi sommo terrore, chi le vaste pianure e foreste, e chi le valli e scabrose dirupi, e dopo d'essere stati da natural impeto così miseramente abbattuti se ne ritornano a casa stanchi e mal menati ove dopo riavuta la primaria forma umana si risvegliano.*" L-istess kittieb igħidilna li xi nies, biex iwettqu dawn il-ħmerijiet ta' moħħom, igħidu li marru jfittxu 'l żwiegħom jew 'l uliedhom li jkunu mweldin f'dak il-ħin, u lè ma jsibuhom minn nofs il-lejl sa ftit sigħat wara, imma jsibuhom biss meta jisbaħ u jsibuhom b'ġisimhom imbenġel u mfarrak. Fuq in-nisel tal-kelma, Cremona (op. cit.) ifisser li aktarx ġejja mill-għarbi *babbux* li fl-Isqalli ssir *babbaluci* jew *babbaluciu* u tfisser sew *bebbuxu* kemm pa-

tri liebes iċ-ċoqqa u rasu ħierġa minn taħt il-kapott. Iżid igħid hekk: "*the close affinity in shape between the protruding tentacles of the snail's head and the capuchin's cowled features is correspondingly borne out by the synonymy in the words 'babbaluciu' (from the Arabic primary word 'babbux' and the 'babbaluc' (a muffled friar) wherefrom the term 'babaw' for phantom, in the Siculo-Maltese baby language has been finally evolved. A link between these terms and the epithet of 'gawgaw' (corruption of 'babaw') given to the phantom on Christmas eve at midnight, in Maltese sayings, can be easily established.*"

*GEDUDU.* Diminutiv ta' *gidi* jew *gidja*. Hal Tarxien, meta konna żgħar, kien hemm wieħed tal-ħalib li kien igħaddi bil-mogħoż igħajjat: "Għandu l-geduda!" Taħt il-kelma *gedida* Bonelli (*Supp. Arch. Glott. It.* 1907, p. 46) jidhirlu li hija forma sekondarja mnissla mill-Għarbi *gadjun*, (M. ħaruf).

*GIGGU.* Flixkun. Meta l-ommijiet ikunu sa jisqu lit-trabi mill-flixkun igħidulhom: "Hu l-ġiggu".

*GINDI.* Tigdem. Barra Vassalli, dil-kelma jagħtiha wkoll Bonelli u Caruana. Dan ta' l-aħħar iġib dan l-eżempju: "Ara jgindik it-*tetu*." (q.v.).

*HABBI.* Flus. Meta jkunu sa jagħtu xi sold liż-żgħar tismagħhom igħidu "Ejja ntik ħabbi".

*HAJ.* Karrozza. Bonelli jagħti l-espressjoni "*fuq il-ħaj*" li, kif igħid hu, tinsema' Għawdex biss, u jfissirha "*in carrozza*". Billi l-karrozza kienet taż-żwiemel sa ftit taż-żmien ilu u mhux tan-nar, naħseb li dil-kelma ġejja mill-*Hej*! li jgħidu meta jsuqu l-bhejjem. Mhux darba u tnejn li t-tfal jagħtu isem lil ħaġa mill-ħoss li jassoċjaw magħha (qb. *paqqa* għall-karrozza tan-nar mill-ħoss tal-horn). Bejn *ħej* u *ħaj* m'hemm xejn ħlief bidla djalettali.

*HAJBU.* Falzon (p. 108) igħid li b'dil-kelma jfissru l-ewwel mixi bil-mod li tagħmel it-tarbija. Il-lum il-kelma *ħajbu* nsibuha bħala laqam ta' xi nies, fost dawn ta' wieħed għannej-tallab li jaħbat iben wieħed mill-iktar għannejja magħrufa ta' dari—Rużar l-Għama.

*HAJDU HAJDU.* Meta t-tarbija taħbat biex tagħmel xi pass u jerħulha timxi waħedha, biex jagħmlulha l-qalb waqt li

jkunu b'ide'hom miftuħin biex jilqgħuha, igħidulha: *Hajdu! Hajdu!*, jew, jekk tkun tifla, *Hajda.* Caruana (p. 225) igħid li *ħajdu* huwa d-diminutiv ta' *ħad* li tfisser *waħdu*.

*HANNUSA.* *Tagħmel ħannusa* meta tilgħab ma' geddum it-tarbija biex ma tħallihiex tibki. Imma Caruana igħid (p. 233) li dil-kelma "*occorre parlando ai bambini nell'espressione 'Agħmel ħannusa', divertendoli a far sporgere le labbra e soffiare forte per le narici, imitando il suono che fanno i porcini*". Bonelli (Suppl. *Arch. Glott. It.* p. 46, 1907) igħid li hi *atto del respirare in fretta in fretta per il naso producendo un rumore sordo.*"

*HASSULA.* Banju, ħasla. Bonelli biss iġib din il-kelma u jagħtiha mill-għerq Għarbi *ġasal*, i.e., *ħasel.* Fil-fehma tiegħi din hija waħda mill-għamliet ta' diminutivi li jsiru billi jdeffsu *u* twila qabel l-aħħar konsonanti bħal minn *gidja—geduda;* minn *qarn—qarnuna;* u minn *żaqq—żaqquqa.*

*IXX.* Kelma li tfisser "kull ħaġa sabiħa, bħal dawl, eċċ." u tingħad biex isikktu t-tfal. Flok *ixx* ġie li tisma' *ixxi.* Preca igħid (p. 57) li *ixxi* jgħiduha lit-tfal għaliex "*ai bambini piace la scintillar del fuoco e il tremolar d'una fiammella. Anzi quando tu vuoi far capire ad un bambino che una cosa è bella, tu gli dici 'Ixx!'.*"

*INTETTI.* Kelma li jagħtuha De Soldanis u Bonelli. Dan ta' l-aħħar ifissirha bħala ċapċipa bl-id u ta' l-ewwel (p. 481) bħala l-verb *battere, percuotere.*

*JASSU.* Bravu! Kelma biex jagħtu gost lit-trabi. De Soldanis jikteb hekk fuqha: "*pronunziata dai soli ragazzini in segno di allegrezza per qualche opera fatta dagli stessi, piacevole, e vale 'alla buon ora! Ah! quanto sei bravo.' 'Sewwa għal jassu', frase che significa così ben fatta che non vi si può opporre, questo affare è fatto senza risparmio, senza riguardo, quasi a perpetuo*" (P. 266) Caruana jagħti eżempju *Jassu għaċ-ċkejken tiegħi!* u jgħid li l-kelma tingħad "*ai bambini quando si vuol incoraggiare a far quache cosa specialmente a star ritti, e camminare, dare i primi passi* (p. 264).

*(Fadal)*

# IL-BOMBA ATOMIKA

*Ta'* MAURICE GAMBIN

FIS-SENA 1896 Henri Becquerel sab li l-element Uranium kien qiegħed jitfa' l-ħin kollu ċerti raġġi ta' radjo-attività. Sentejn wara Madame u Pierre Curie sabu li element ieħor, Radium, kien qiegħed jitfa' l-istess raġġi. Iżda dawn ir-raġġi tar-Radium kienu xi miljun darba aktar qawwija minn dawk ta' l-Uranium. Kixfiet kbar bħal dawn ma setgħux ma jgħaġġbux lid-dinja: mill-ewwel bdew isiru kullimkien esperimenti dwar l-atomi ta' dawn iż-żewġ elementi, biex inkunu nistgħu nużaw il-qawwa bla qies li fihom fil-ħajja tagħna.

Għax l-għorrief tax-xjenza fehmu li jekk jirnexxilhom jaqsmu mhux atomu wieħed, iżda miljuni u eluf ta' miljuni f'daqqa waħda kienu jiksbu ħażna kbira ta' enerġija li tkun tista' tegħleb ħafna mis-setgħat moħbija tal-ħolqien.

F'dawn l-aħħar erbgħin sena l-bniedem kiber ġmielu fil-għerf ta' l-atomu; u sa minn qabel il-gwerra kien ġa rnexxielu jfarrku. Malli bdiet il-gwerra t-tfittxijiet żdiedu u bdew isiru bil-moħbi bla ma ħadd taħrablu kelma fuq dak li sab. Hekk, mela, għal sitt snin sħaħ il-ġnus magħquda u l-ġnus ta' l-Assi kienu f'tiġrija li ma bħalha min minnhom jirnexxielu juża l-atomu l-ewwel; iż-żewġ naħiet kienu jafu illi min jużah l-ewwel, jirbaħ il-gwerra.

Għall-ħabta ta' nofs in-nhar tal-5 ta' Awissu, in-nies ftit 'il bogħod minn Hiroshima ħassew l-art titriegħed taħthom. Għall-ewwel ħasbu li kien sar xi terremot, forsi xi ftit aktar eħrex minn tas-soltu. Iżda ftit ftit bdew jaslu għidut u xnigħat tal-biża' tat-twerwir. X'ġara? Waqgħet xi xemx fuq Hiroshima? Splodiet xi bomba kbira, kbira? Jewwilla niżlu l-allat mis-sema biex jitħallsu minn Hiroshima għal xi dnub li hija għamlet? X'ġara?...

X'ġara sewwa sew, dawk li ġarrbu biss setgħu jgħiduh, u minn dawn ħadd ma baqa' ħaj biex igħid x'ħass u x'ra. Tliet ajruplani amerikani dehru għaddejjin fil-għoli tas-smewwiet. Wieħed minnhom telaq bomba żgħira b'ħamsa u għoxrin libbra Uranium. Meta splodiet sa nofs mil ma' dwarha hija ħolqot buffura ta' riħ għaddejja bil-miljuni ta' mili fis-siegħa; wara nofs mil din il-buffura kienet għaddejja bis-sebgħa mija u ħamsin mil fis-siegħa;

jiġifieri ħames darbiet iktar qawwija mill-eħrex riħ li qatt ħolqot in-natura. Sa ftit ta' mijiet ta' piedi oħra r-riħ kellu qawwa ta' l-eħrex uragan. Din hija l-*blast;* iżda x'ingħidu mbagħad għasshana li ħolqot din il-bomba atomika? Biżżejjed wieħed igħid li sa mil ma' dwar fejn splodiet, kull ħlejqa u kull ħaġa nħallet u saret duħħan, fi sħana li m'hi xejn inqas minn dik tax-xemx infisha. Taqlibiet kbar bħal dawn għadhom qatt ma saru la fl-ebda kewkba u l-anqas fix-xemx infisha.

Tlett ijiem wara, jiġifieri. fit-8 ta' Awissu, bomba Atomika oħra twaddbet fuq Nagasaki.

Wara li nxteħtet l-ewwel bomba kulħadd ħaseb li dawk li xeħtuha ma kenux jistennew dik il-ħsara kollha. Għaldaqshekk ftit li ħadd ma tkellem; imma wara t-tieni waħda n-nies inqatgħet. Il-Papa, il-ministri, il-filosfi... sa l-inqas bniedem li hemm fit-triq tkellem bil-qawwa kontra tagħha. Għax minn dak in-nhar 'il quddiem ħajjet il-bniedem ġiet iżjed minn qabel imdendla f'ħajta. Bomba waħda u nofs Londra tispiċċa; bomba waħda u Malta ssir baħħ.

Waħda wara waħda x-xjenza wriet lill-bniedem is-setgħat moħbija tan-natura... U waħda wara waħda ġew użati mill-bniedem għall-qerda tiegħu nnifsu. Il-magna, l-ajruplan, l-elettriku, il-kanun, l-arloġġ, il-gas, u fl-aħħar il-bomba atomika, urew kollha kemm tista' tisfa' ta' deni x-xjenza meta tkun użata għallħsara u għall-mewt. Iżda kif kull ħaġa għandha s-sabiħ u l-ikraħ tagħha, nistgħu ngħidu li hekk ukoll ix-xjenza; u għalhekk ħafna għandhom tama qawwija li 'l quddiem, meta l-ġnus jingħaqdu, u tkun annuna l-fehma ta' kull wieħed li jgħammar fuq din l-art, u l-istudji progressivi jikbru biex jirbħu l-għeltijiet ta' l-imgħoddi, ix-xjenza tkun tista' tieħu s-sehem tagħha sħiħ u qawwi fit-tneħħija tat-twegħir ta' ħajjet il-bniedem. F'dan il-qasam ta' mħabba u ta' faraġ li għad iżernaq fuq id-dinja mhux minn ta' l-inqas, nittamaw, ikunu l-effetti ta' l-istudju fuq il-bomba atomika.

# IL-BEJJIEGH TAL-ALMANAKKI

*(Mit-Taljan ta' Giacomo Leopardi "Dialogo di un venditore d'Almanacchi e di un passeggiere)*

*Miġjub għall-Malti minn* G. SOLER

*Bejjiegħ* : Almanakki, almanakki ġodda; pronostki ġodda. Sinjur, trid almanakki?

*Għarib* : Almanakki għas-sena l-ġdida?

*B.* Iva, sinjur.

*G.* Taħseb li s-sena l-ġdida tkun hienja?

*B.* Oh, sinjur, iva tabilħaqq.

*G.* Bħal din is-sena li għaddiet?

*B.* Aktar, bil-bosta aktar.

*G.* Bħal dik ta' qabilha?

*B.* Aktar, aktar, sinjur.

*G.* Bħal liema sena, mela? Ma jogħġbokx li s-sena l-ġdida tkun bħal xi waħda minn dawn l-aħħar snin?

*B.* Le, sinjur, le : ma jogħġobnix.

*G.* Kemm-il sena għaddiet mindu ilek tbiegħ l-almanakki?

*B.* Għaddew mal-għoxrin sena, sinjur.

*G.* Ma' liema fost dawn l-għoxrin sena tagħżel li tkun tixbaħ is-sena li ġejja?

*B.* Ma nafx inwieġbek.

*G.* Ma tiftakarx f'xi sena waħdanija, li jidhirlek li kienet hienja?

*B.* Le tassew, sinjur.

*G.* Wara kollox il-ħajja hija ħaġa sabiħa : mhux tassew?

*B.* Dan kulħadd jafu.

*G.* Ma tixtieqx terġa' tgħix mill-ġdid dawn l-għoxrin sena, kif ukoll iż-żmien imgħoddi kollu, minn mindu twelidt?

*B.* Eh, għażiż sinjur, j'alla dan kien jista' jkun.

*G.* Iżda jekk ikollok tgħaddi mill-ġdid il-ħajja li għixt la aktar u la anqas, bi-hena u bil-għali kollu li ġarrabt?

*B.* Dan ma nixtiqux.

*G.* Oh, liema ħajja mela trid terġa' tgħix? Il-ħajja li għaddejt jiena? jew is-sultan, jew xi ħadd ieħor? Ma taħsibx li jiena, u s-sultan, u kull bniedem ieħor kien iwieġeb xorta waħda bħalek; u li kieku kellu jerġa' jgħaddi għal darb'oħra l-ħajja li jkun għex, ħadd ma jkun jixtieq jerġa' lura?

*B.* Dan nemmnu.

G. U lanqas inti ma tkun tixtieq terġa' lura b'dan il-patt, meta ma tistax xort'oħra?

B. Le, sinjur, ma nkunx irrid tassew.

G. Liema ħajja mela trid tagħżel inti?

B. Irrid ħajja hekk kif Alla jibagħtħieli mingħajr pattijiet oħra.

G. Ħajja kif ġie ġie, bla ma tkun taf xejn aktar minn qabel, bħalma ma nafu xejn dwar is-sena l-ġdida?

B. Iva, hekk.

G. Jiena wkoll hekk nixtieq kieku kelli ngħix mill-ġdid; u bħali wkoll kulħadd. Iżda dan juri illi x-xorti, ma' tul is-sena kollha, imxiet ħażin ma' kulħadd. U jidher ċar li kull wieħed huwa tal-fehma li kien akbar u itqal l-għawġ li missu milli kien il-ġid, jekk biex jerġa' jikseb il-ħajja ta' qabel bil-ġid u d-deni kollu tagħha, ħadd ma jrid jerġa' jitwieled. Dik il-ħajja li hija ħaġa hekk sabiħa, mhix il-ħajja magħrufa, iżda dik li ħadd ma jaf biha: mhix il-ħajja mgħoddija, iżda l-ħajja li ġejja. Mas-sena l-ġdida l-qagħda tibda tittejjeb miegħek u ma' l-oħrajn kollha, u tibda l-ħajja hienja. Mhux hekk?

B. Nittamaw.

G. Mela, urini l-isbaħ almanakk li għandek.

B. Dan, sinjur. Dan jiswa tletin sold.

G. Ħa, tletin sold.

B. Niżżik ħajr, sinjur; j'alla nerġgħu niltaqgħu. Saħħa. Almanakki, almanakki ġodda; pronostki ġodda!

---

## IT-TIJATRU MALTI

*"Matul il-konkors kollu, deher biċ-ċar li hawn żewġ skejjel, biex ingħid hekk, ta' reċtar. L-iskola aktar antikwata, imqiegħda fuq deklamar, enfasi eżaġerata, monologar,* u colpi di scena *kważi impossibbli, jew aħjar sitwazzjonijiet li huma neqsin għal kollox mis-sens komun, u mis-sens artistiku. Għandna mbagħad xejra oħra iżjed moderna illi tabilħaqq għad fadlilha ħafna triq x'tagħmel u trid ħafna studju, imma huwa ċar li qiegħda fit-triq it-tajba u jistħoqqilha kull inkoraġġiment."*

(G. Tua: Konkors Teatrali 1946).

# RECENSJONIJIET

**"MELITA INVICTA"**—(Lux Press, 1945)—Damma oħra ta' għanjiet tal-poeta tagħna Ġużè Chetcuti, awtur ukoll ta' "Poeżiji", li ħareġ m'ilux.

F'"Poeżiji" il-poeta jħares lejn il-ħajja, fit-tinsiġ imqalleb ta' ġrajjietha, imlewna bid-dell u bid-dija tal-ferħ u tan-niket li jżewquha. F'"Melita Invicta" għandu quddiemu d-dehra tal-biża' tat-taqbida ħarxa talbnedmin, fil-qilla tal-għira u tal-mibegħda.

It-tnejn sbieħ, imriegħda bil-ħajja, ħerġin mill-qalb bħal gelgul ilma li jfawwar min-nixxiegħa, jaħarqu bin-nar taż-żgħożija. Għax it-tnejn huma wardiet ta' l-istess siġra, li jonfħu u jiftħu ma' l-ewwel bewsa tażżiffiet ħelwa tar-rebbiegħa. Għalhekk fihom, fil-qoxra ta' barra li żżejjinhom u fil-qalba ta' ġewwa li ttihom ir-ruħ, dak is-seħer mistur, li biss taf tfisser il-qalb ta' poeta.

Imma hemm xi ħaġa f'"Melita Invicta", li donnha iktar tolqtok u tidħol 'il ġewwa fl-irkejjen moħbija tal-qalb. Aktarx għax il-qalb, magħġuna bid-dmugħ tal-ħajja, donnha iktar twieġeb malajr meta milquta mill-mewġa tan-niket u iktar tħoss it-tingiża tal-weġgħa, meta msawta mid-daqqiet ta' ħarta tat-tiġrib, li hu sehem kull bniedem, f'dal-wied ta' biki u ta' mrar.

U dawn il-poeżiji ta' Ġużè Chetcuti donnhom kollha miktubin biddmugħ u bid-demm, li jqattru minn qalbu muġugħa, meta quddiemu kollox jibki u jitnieħed, fir-riefnu tal-gwerra. Waħda wara l-oħra jara għaddejjin quddiemu d-dehriet ta' ħerba, ta' tiġrif u ħsara u mwiet u dmugħ u dmija, li xerrdet il-gwerra fuq il-bliet u r-rħula... l-iktar ta' art twelidu, li hu jħobb bħal biċċa minn laħmu u minn demmu. Jilmaħ il-mewt, bilminġel f'idha tiżfen iż-żifna tagħha rebbieħa, "fuq it-toroq imkeffnin fiddlam u fis-skiet", u taħfen u tħaddan il-ħajja "f'dirgħajha mgħaddmin..." Jisma' t-twerdin ta' l-isqra tas-sema u d-damdim tal-bombi, u "l-biki u l-għajjat ta' wġigħ u ta' biża", u "l-krib tat-tfal u tan-nisa", ta' l-iltiema u tar-romol... Iħoss f'imnifsejh ir-rieħa tad-dħaħen u tat-torba, tiela' middjar imġarrfa, "li taħt id-dawl ta' qamar kienu qabel joħolmu l-hena u l-imħabba..." U b'qalbu maqsuma, jinfexx f'għajta ta' niket, qisha tilfiqa maħnuqa, fgata fid-dmugħ... Hija din it-tilfiqa, dan il-leħen ta' karba mkarkra, li tħoss jiġri bħal rogħda, f'dawn il-poeżiji tal-gwerra, li jdommu flimkien il-ġrajjiet ta' niket ta' din il-gżira li tatu t-twelid.

Imma f'did-dalma li ssewwidlu qalbu, hemm ukoll leħħiet ta' dija sabiħa, li jċarrtu s-sħab ta' dawn id-dehriet ta' biżgħa u jdawlu u jfarrġu l-poeta: il-kobor, il-qawwa u l-ħila rebbieħa ta' din il-gżira ta' mħabbtu, u l-fidi sħiħa, li tixgħel ġo sidru, f'dak "li dejjem ħabbna fil-jasar u hekk ġarrab biex tana l-ħelsien!"

Malta, għalkemm "sidirha, qawwi u qalil, miftuħ beraħ", għalkemm imbiċċra u mċappsa bit-trab u bid-demm tat-taqbida, tidher quddiemu filmilja tal-kobor tagħha, "imlibbsa l-elmu u l-azzar, b'kurazza mdawra magħha", u bix-xabla f'idha, tilqa' qalbenija d-daqqiet tal-għadu, "li ma

jaſx maħfra u ħniena" u ġġedded darba oħra r-rebħa ta' David fuq Gulija. Kienet dil-qawwa rebbieħa li ġibdet fuq Malta l-għajnejn imgħaġġbin taddinja u żejnitha b'ġieħ li jibqa' jgħix għal dejjem.

*Il-ġieħ li ksibt qatt ma jintemm, ja Malta...*
*Ma jmutx mas-snin, bla ħajr, bla kliem, bla ħoss.*
*Ismek minn ġidd għal ġidd jibqa' jintiret,*
*Malta rebbieħa, il-Gżira tal-"George Cross."*

Dil-ħila ta' Malta tal-lum, tfakkru fil-qlubija ta' Malta tal-bieraħ, meta misserijietna "fuq l-imrammi mfarrka, b'dirgħajhom sħaħ, bix-xwabel mislutin", tqabdu u rebħu "n-Nofs Qamar kburi u mqit."

Għalhekk bil-jedd kollu jħoss ruħu mkabbar, fil-jum tar-rebħa.

Fuq kollox tiddi bħal kewkba quddiemu, il-fidi qawwija fi driegħ il-Mulej u fl-għajnuna tas-sema.

Dil-fidi, li tlibbes bl-isbaħ dawl in-nisġa mżewqa tal-għanjiet, ħerġin minn ruħu nisranija, dejjem tirfdu u ssaħħu u tagħmillu l-qalb fis-siegħa mudlama tat-tiġrib... u ġġagħlu jħares 'il fuq lejn wiċċ is-sema ikħal u safi; imberraħ fuq rasu, u joħlom u jittama l-jum tal-ħelsien. Għalhekk meta mbagħad, leħnu ferrieħi jitħallat mal-leħen tal-qniepen li jħabbru l-paċi mixtieqa, b'qalbu merfugħa, jistqarr u jgħid: "Hu kien li rebbaħna: tamitna fih qegħ'dna fis-siegħa tal-ġlied!" "Għax sħiħa u qawwija żammejna l-imħabba... lejn Alla Ħanin!"

It-talba sabiħa lil "Marija Immakulata" hi l-għajta ta' min jemmen u jitma u ma jaqtax qalbu quddiem il-ħalel tal-ħażen li donnhom iridu jgħrrquh u jtemmuh fix-xejn.

*Madonna, talbna smajt fil-jiem tan-niket*
*meta mgħargħra fid-demm,*
*ħaddantna miegħek......*

Il-poeżiji ta' Ġużè Chetcuti huma nisġa ta' ġrajjiet, li għalkemm jidhru magħżula minn xulxin jistgħu, barra ftit minnhom, jintgħaqdu flimkien f'poema waħda, miġbura taħt ħsieb u isem wieħed: "Melita Invicta": Malta qalbenija li tiġġieled għall-ħelsien tagħha u toħroġ rebbieħa.

Ix-xejra tal-vrus, l-armonija li tgħaqqadhom flimkien, jew taħt sura ta' sunett jew taħt sura oħra mħallta, dejjem taħt libsa ta' kelma safja, magħżula u mirquma, timxi u ddoqq, issa għajjiena u mbikkija bħall-vrus tas-Salmista, issa qawwija u mħeġġa, donnha riefnu ta' gwerra qalila, issa ferrieħa u ħafifa, bħal għajta ta' ruħ li tkisser il-ktajjien tal-jasar u tittajjar ħielsa... U tnissel f'kull għanja ġmiel u seħer ġdid, li biss jaf jara u jħoss u jfisser min għandu qalb ta' poeta.

Dak li jolqtok ukoll fil-poeżija ta' Ġużè Chetcuti, l-iktar f'dik ta' Malet, hu t-tixbih imlewwen, li bih kemm-il darba jżewwaq il-ħsieb... u li jfakkrek fil-poeżija klassika tal-Virġilju.

Għalhekk il-poeżija tiegħu tiġri bla tqanżih u togħġob 'il widna u 'l qalb, l-iktar il-qalb. Meta taqraha, tħallik toħlom waħdek, donnok trid tagħlaq għajnejk, biex tinġabar fil-ħemda tal-ħsieb, biex ittiegħmha aħjar. Xi daqqiet huma ftit kelmiet, kelma waħda, f'egħluq ta' strofa, li bħal nota ta' sinfonija maqtugħa, jew bħal daqqa ta' pinzell... donnha ma tgħid xejn u tgħid kollox... u tiftaħlek quddiemek dehriet ġodda li kienu qabel mistura...

Waqt li nifirħu ma' Ġużè Chetcuti għal din il-ħannieqa ġdida ta' ġawhriet ta' poeżiji li jżejnu l-letteratura Maltija, aħna li għall-fidwa u għar-rebħa tal-Malti dejjem iġġelidna sħiħ, ma nistgħux ma nifirħux u ma nħossux irwieħna mkabbrin meta naraw li l-Malti l-lum, qawwi bil-qawwa li tnissel fih il-qalb kbira taż-żgħażagħ tagħna, jista' jħares lejn iż-żmien ġejjieni, b'wiċċu merfugħ u bla taqtigħ ta' biża', qatt mirbuħ u dejjem rebbieħ, bħal "Melita Invicta".

G.D.

## "RAĠEL BIL-GĦAQAL" — Tal-Kav. Dr. Ġużè Galea.

Waslilna minn għand id-Ditta "Giov. Muscat", ir-rumanz tal-magħruf rumanzier, it-Tabib Ġużè Galea, *Raġel bil-Għaqal*.

M'hemmx għalfejn wieħed ifakkar mill-ġdid il-preġju letterarju ta' dar-rumanz li nqara u ngħoġob minn għadd kbir ta' nies. Ħafna jafuha sew il-ġrajja interessanti ta' Diegu Alagona, il-bniedem ħajjen, u ta' M. Falzun, il-bniedem li seħħlu, bit-tħaddim xieraq ta' għerfu, iġib fix-xejn il-ħjiena u l-qerq.

Iżda din id-darba għandna aħbar ġdida għal dawk li għandhom għal qalbhom il-letteratura Maltija. Dan ir-rumanz għadha kif ħarġitu, f'edizzjoni tassew sabiħa, id-Ditta "Giov. Muscat", il-Belt. Il-qoxra tiegħu hi iebsa, bħal dik ta' kotba mitbugħin barra, u x-xbieha ta' xambekk fil-kannella taqta' ħafna fuqha. Minbarra dan il-karta hi fina ħafna u t-tipi ċari.

Nifirħu minn qalbna lid-Ditta "Giov. Muscat" u nixtiequlha kull suċċess fil-għan sabiħ tagħha. G.Z.C.

## "ĠAWHRA" — Ta' Rob. Mifsud Bonnici.

F'dan il-ktieb, miktub b'Malti mexxej ħafna, l-awtur iġagħalna nifhmu kemm hi tabilħaqq ħaġa sabiħa s-safa tar-ruħ u l-ġisem. Hekk kif is-saċerdot twajjeb jagħmel man-nagħġa mitlufa, hu jqawwilna qalbna sabiex ninfatmu għal kollox mid-dnubiet kontra l-impurità, u nżommu ġo fina bla mittiefsa dik il-"ġawhra" ta' ruħ safja. Dan il-ktejjeb jiswa ħafna għal żmenijietna meta l-forzi li jiġbduna lejn il-ħażen donnhom qed joktru dejjem.

Nirrikkmandawh lil dawk kollha ta' rieda tajba. G.Z.C.

**"BLANZUNI"**—Ta' Vic. Apap—Lux Press, 1945—pp. 124.

Wara bosta volumi ta' poeżija mill-isbaħ li ħarġu f'dawn l-aħħar sentejn u li żejnu mhux ftit il-Letteratura Maltija, ħareġ ukoll saflaħħar ktieb li jiġbor fih l-isbaħ Novelli ta' Victor Apap. Din il-ġabra ta' novelli ħarġet f'waqtha b'ex turi, flimkien ma' kitba oħra ta' proża u poeżija, li l-kitba Maltija miexja ġmielha 'l quddiem kemm fis-sengħa tal-kitba u kemm ukoll fil-ħażna letterarja fil-friegħi kollha tagħha.

Xi wħud minn dawn in-novelli deħru f'xi rivisti tal-Malti, u f'kull min qrahom nisslu x-xewqa li jara novelli oħrajn, bħal dawk li kienu deħru, maħruġin mill-istess pinna. U mhux għaġeb mela li malli ħareġ il-*Blanzuni* bosta kienu dawk li kisbu malajr dil-ġabra ta' novelli malli semgħu bihom. Minn dan naraw, u nieħdu gost fl-istess ħin, li fost il-poplu tagħna hawn bosta li jħobbu l-kitba Maltija u jafu wkoll igħożżu l-kitba tajba. Jekk il-kittieb innifsu kien jistenna li fost il-qarrejja "jkun hemm min ikemmex xofftejh għalih", issa għandu tassew għaliex ikun ferħan li jara x-xogħol tiegħu milqugħ wisq aħjar milli kien jistenna.

Dak li jagħmel il-kitba ta' Victor Apap sabiħa u tingħoġob hija l-ħajja li jaf jagħti lill-karattri li jdaħħal fin-novelli tiegħu li fihom dejjem atmosfera ta' ħajja moderna. U għalhekk, meta nsibu quddiemna karattri hekk milqutin fil-egħmil agħhom, aħna nħossu ruħna aktar fil-qrib lejn dawn il-ġrajja li fuqhom qegħdin naqraw u ngħoddu ruħna bħala xhieda ta' dawn l-episodji. Is-suġġetti ta' dawn in-novelli huma wkoll oriġinali u juru tassew il-ħila tal-kittieb fil-psikoloġija tal-ħajja tal-bnedmin u fl-istess ħin fil-għażla u fil-gosti tal-frott li joħroġ mill-immaġinazzjoni.

Sbieħ tassew in-novelli "Mintix sa ssibni iżjed", "Dar b'żewġ nisa", "Atar ċkejkna nedjin", "Biancaneve", "Salvu jsir missier", "Ġisem u Ruħ", li fihom il-kittieb għaraf jinseġ, b'għaqal u b'sengħa kbira, bosta kwadri tassew sbieħ u ħelwin tal-għaqda fil-familja u r-rabta ta' l-imħabba. U waqt li naħseb f'dawn in-novelli li semmejt, jidħlu f'moħħi l-kwadri l-oħra kollha li huma wkoll sbieħ, impinġijin fin-novelli fuq l-istess suġġett. Ma jonqsux ukoll novelli oħra bħalma "Kulħadd Miljunarju", "Megalomanija", "Fuq ir-Rediffusion" u oħrajn li bl-umoriżmu li fihom jiswew biex joħorġu lill-qarrej minn dak il-"pathos" li bih idawruh in-novelli l-oħra ta' bixra sentimentali. F'dawn ukoll naraw il-ħila tal-kittieb u l-wisa' fit-tagħrif fuq il-psikoloġija tal-ħajja u l-immaġinazzjoni tiegħu. L-aħħar novella "Qlub Minfuda", għalkemm għalija hi xi ftit inverosimili fl-episodji tagħha, tibqa' dejjem sabiħa għax imdawra b'dak is-sentiment li flimkien mat-traġiċità tal-ġrajja, joħolqu kwadru sabiħ li jqanqlek biex tħenn u biex tagħder.

Fil-waqt li nixtiequ lill-kittieb tal-*Blanzuni* kull riżq tas-sabar li ħa biex tana dawn in-novelli, nittamaw li ma jkunx fil-bogħod meta joħroġ l-ewwel rumanz mill-pinna tiegħu. D.F.C.

# MOVIMENT TAL-MALTI GHAT-TFAL

## KONKORS TA' ESSAYS, NOVELLI U POEŻIJI

Il-Moviment tal-Malti għat-Tfal, iniedi TLIET KONKORSI f'daqqa għall-aħjar tliet Essays, tliet Novelli u tliet Poeżiji, bi Premijiet u Diplomi ta' l-Aqwa Grad għall-aħjar tliet xogħlijiet f'kull taqsima kif ukoll tliet diplomi ta' "Tismija b'Tifħir" f'kull taqsima, taħt dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:—

1. Ix-xogħlijiet kollha jridu jkunu oriġinali u qatt ma ġew stampati.
2. Jistgħu jidħlu għall-konkors subien u bniet ilkoll taħt l-20 sena.
3. Kull konkorrent jista' jidħol għat-tliet taqsimiet f'daqqa u jista' wkoll jibgħat iżjed minn xogħol wieħed għal kull taqsima.
4. Iridu jintbagħtu tliet bolli ġodda ta' sold il-waħda ma' kull biċċa xogħol, magħluqin fl-envelopp.
5. Kull biċċa xogħol għandha tintbagħat iffirmata BISS bi psewdonimu, ngħidu aħna, "Għasfur", fil-waqt li l-isem veru u l-indirizz tal-kittieb għandu jingħalaq f'envelopp ieħor, fl-istess envelopp tax-xogħol li jintbagħat għall-konkors, flimkien mat-tliet bolli.
6. L-envelopp għandu jkun immarkat minn barra bil-kelma: "Konkors", kif ukoll it-taqsima li wieħed ikun daħal għaliha, ngħidu aħna "Konkors Novelli".
7. It-tul ta' l-Essays ma jkunx iżjed minn 150 vers; tan-Novelli mhux iżjed minn 210 versi u tal-Poeżiji mhux iżjed minn 40 vers.
8. Ix-xogħlijiet kollha jridu jaslu għand is-Sur Kelinu Vella Haber, Triq Farsons, Hamrun, mhux iktar tard mill-aħħar ta' Lulju 1946.

## TAGHRIF IEHOR

Il-Premijiet, li huma 9, u d-Diplomi li huma 18, jiġu ippreżentati f'Akkademja Musiko-Letterarja msejħa apposta mill-Moviment, fil-Każin ta' San Gejtanu, tal-Hamrun, wara li r-rebbieħa jaqraw ix-xogħol rebbieħ tagħhom f'dik l-Akkademja. Il-Moviment jista' jxandar bir-Rediffusion ix-xogħlijiet rebbieħa. **Id-deċiżjoni tal-Mexxej Ġenerali dwar il-Konkors hija finali.** Id-Diplomi jiġu iffirmati mill-Eżaminaturi u mill-Mexxej Ġenerali tal-Moviment. L-Eżaminaturi huma dawn il ġejjin:—

## EŻAMINATURI

ESSAYS: Rev. Dun Frans Camilleri.
NOVELLI: Is-Sur Victor Apap.
POEŻIJI: Onor. Karmenu Vassallo.

(Ft.) KELINU VELLA HABER,
Mexxej Ġenerali.

**TAGHRIFA:** Is-Sur K. Vella Haber, Mexxej Ġenerali tal-Moviment, jilqa' b'ferħ kbir Premijiet u rigali oħra ta' kull għamla għal dan il-Konkors. Iktbu lill-Mexxej Ġenerali, 75, Triq Farsons, il-Hamrun, sabiex igħaddi jiġbor dawn ir-rigali. Dawk kollha li joffru xi premju, ikunu mistiedna għall-Akkademja li fiha jingħataw il-premijiet meta r-Rebbieħa jaqraw ix-xogħlijiet tagħhom.

# IBNU LIBRERIJA TAL-MALTI

———o:o———

Ixtru l-kotba:

**ESDRA U NEHEMIJA** tal-Professur P.P. Saydon.

**ĠRAJJA TAL-GWERRA** tat-Tabib Ġużè Galea.

**MILL-IMRAR GHALL-ĦLEWWA** ta' Ġużi Mallia.

———o:o———

## GHALL-ISTUDJU XJENTIFIKU TAL-MALTI

Aqra dawn ix-xogħlijiet tal-Professur Ġ. Aquilina:

**THE MALTESE LANGUAGE.**

**A COMPARATIVE SURVEY OF SEMITIC MALTESE.**

**A COMPARATIVE STUDY IN MIXED MALTESE.**

**PLANNING AN ANGLO-MALTESE CULTURE.**

**RACE AND LANGUAGE IN MALTA.**

**L-ILSIEN MALTI.**